TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/70/18/S

Sonia Delia
vs.
Emanuel Bartolo eżerċenti l-kummerċ "Call Zone"

Illum, 17 ta' Jannar,2019.

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-24 ta' April 2018 u r-Risposta relattiva ippreżentata fil-25 ta' Ottubru 2018;
Ra d-dokumentazzjoni ippreżentata, sema' x-xhieda kollha, sema' lill-partijiet u sema' t-trattazzjoni li saret tul is-seduta tat-18 ta' Ottubru 2018.

Ikkunsidra:

Illi permezz tal-Avviż tat-Talba, ir-rikorrenti talbet li t-Tribunal jordna li hija titħallas l-ammont ta' €269.00 (mitejn u disgħa u sittin Ewro) ta' *mobile* mixtri mingħand l-intimat li ftit wara li nxtara, beda ħiereġ xi likwidu minnu.

Illi fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2018, l-intimat ingħata ġimgħa żmien sabiex jippreżenta Risposta *stante* li ma kienx għadu ippreżentaha. Fir-Risposta ippreżentata fil-25 ta' Ottubru 2018, l-intimat eċċepixxa li f'għoxrin sena ta' esperjenza, qatt ma kien ra *mobile* li ħariġlu xi likwidu jekk ma kienx twaqqa' jew ingħafas. Oltre dan, qal ukoll li jekk *dato ma non concesso* ħareġ xi likwidu minnu, il-*mobile* kellu jibqa' jixgħel iżda tkun id-*display* li ma taħdimx. F'dan il-każ, il-*mobile* ma kienx qiegħed jiffunzjona totalment.

Illi qabel xejn, it-Tribunal josserva li r-rikorrenti ma ppreżentat ebda riċevuta sabiex tikkonferma l-ammont imħallas għall-*mobile* kif ukoll min-naħa tiegħu, l-intimat ma ċaħadx li l-*mobile* kien inxtara għall-prezz ta' €269.00 (mitejn u disgħa u sittin Ewro).

Illi r-rikorrenti xehdet li hija kienet xtrat il-*mobile* għal bintha u li din ħadet ħsiebu u żammitu fil-but kif solitament jinżammu l-*mobiles*. Ir-rikorrenti insistiet li bintha beżgħet għall-*mobile* u li ma kienx mistenni li *mobile* ġdid jiżviluppa tali difett wara madwar ġimgħa minn meta nxtara. Intqal ukoll li meta r-rikorrenti tat il-*mobile* lill-intimat sabiex dan jieħdu għand tekniku għal eżami, il-*mobile* kien irritornat lilha b'għafsa u b'girfa meta qabel, ma kienx hekk.

Illi min-naħa tiegħu, Bartolo xehed li sakemm il-*mobile* ma ssirlux xi ħsara, ma jista' joħroġ ebda likwidu minnu għax id-*display* ma tinkisirx waħedha.

Illi t-Tribunal osserva li mill-kontro-eżami tar-rikorrenti, ħareġ li meta nxtara l-*mobile*, il-kaxxa tiegħu, li solitament tkun kaxxa issiġillata, ma kinitx issiġillata. L-intimat xehed li għalkemm normalment il-kaxex tal-*mobiles* ikunu issiġillati, ma setax jgħid fiċ-ċert jekk dak il-*mobile* innifsu kienx issiġillat f'kaxxa.

Illi t-Tribunal ma jistax jifhem kif ir-rikorrenti setgħet kienet daqshekk ċerta li bintha qatt ma waqqgħet il-*mobile* jew għafsitu b'xi mod. Inoltre, *mobile* miżmum fil-but, jekk miżmum il-ħin kollu fil-but, jista' faċilment jaqla' daqqiet jew b'xi mod issirlu ħsara. Ovvjament, dan jiddependi minn fejn il-persuna toqgħod bilqiegħda u l-pożizzjoni tal-*mobile* relattivament għall-mod kif wieħed joqgħod bilqiegħda.

Illi fir-rigward tal-fatt li jidher li hemm dubbju dwar jekk fil-mument tal-bejgħ il-kaxxa kinitx issiġillata, it-Tribunal josserva li r-rikorrenti setgħet faċilment staqsiet lill-intimat għaliex dan ma kienx f'kaxxa issiġillata iżda ma spjegatx għaliex naqset li tagħmel dan.

<u>Deċide</u>
Għaldaqstant, wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li sema' lill-partijiet jixhdu, u wara li ħa konjizzjoni tal-provi kollha u tat-trattazzjoni relattiva u fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tar-rikorrenti u jilqa' l-eċċezzjoni tal-intimat, b'dan li kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha relattivament għal din l-azzjoni.

Richard Sladden Av.
ARBITRU